Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

## Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 26

**Ħin:** 17:30
**Post:** L-Uffiċini tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, il-Marsa

**Preżenti**:

Is-Sur Mario Fava – President
Is-Sur Michael Fenech Adami – Membru
Is-Sur. Anthony Mifsud – Membru
Is-Sur Mark Grech – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sinjura Graziella Galea – Membru

**Skużati:**
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Joseph Cordina – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**

Snr. Lianne Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**26.1 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tal-ittri tal-Apoloġija**

26.1.1 Is-Segretarja preżentat l-ittri ta' apoloġija ta' Dr. Samuel Azzopardi, Chev. Paul Farrugia u s-Sur Joseph Cordina.

26.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Michael Fenech Adami, l-Eżekuttiv aċċetta l-apoliġija preżentati

**26.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 25**

26.2.1 Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.25.

26.2.2 Is-Sa. Graziella Galea talbet li fuq proposta ta' Dr. Azzopardi li ma setax jattendi għal-laqgħa, kellha tidaħħal fil minuti f' punt 25.8 li Dr. Samuel Azzopardi talab li jkunu mistiedna Shadow Ministries.

26.2.2 Fuq proposta tas-Sa. Galea issekondata mill-President, l-Eżekuttiv approva li l-minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.25 jiġu emendati kif propost.

**26.3 Punti li joħorġu mill-Minuti Laqgħa Nu. 25**

| | |
|---|---|
| **26.3.1 Sejħa għas-servizzi ta' poloz tal-Assigurazzjoni għall-Assoċjazzjoni u l-Kunsilli Lokali** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali ser tkun qed tħejji d-dokument fl-immedjat biex toħroġ l-offerta. |
| **26.3.2 Ħruġ ta' Kuntratti Reġjonali tal-Ġbir tal-Iskart – Konsultazzjoni mis-Sindki** | Il-President spjega li qed jiltaqa' kumitatt li għalih jattendu l-Onor. Silvio Parnis, l-Onor Jose Herrera, konsulenti tal-Miniteru tal-Ambjent u l-President tal-AKL. Is-Sur Michale Fenech Adami semma li kien b i ħsiebu jlaqqa' lis-Sindki tar-Reġjun Ċentru biex jara dawn il-possibilitajiet u l-problemi li qed ikun hemm mal-kuntratturi tar-Reġjun. Is-Sur Jesmond Aquilina semma li l-Presidenti Reġjonali għandhom ikunu parti minn dan il-Board. Il-President semma li jista' jkun li jkun hemm il-probabbilita' li s-servizz tal-knis jiġi parti minn dan l-kuntratt. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**26.3.4 Fondi LESA Attivitajiet Kulturali**

Il-President semma li d-data tas-sottomissjonijiet tgħalaq fl-aħħar t' Ottubru, minkejja dan għadhom daħlu ftit wisq applikazzjonijiet.

**26.4 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' Tielet Kwart tas-Sena 2019**

26.4.1 Is-Segretarja preżentat ir-rapport finanzjarju Rapport Finanzjarju ta' Tielet Kwart tas-Sena 2019.

26.4.2 Il-President semma li li dan ir-rapport ma jkopprix l-ispejjeż tal-Laqgħa Plenarja li ser issir f' Ottubru.

26.4.3 Fuq proposta tal-proposta tal-President issekondata mis-Sa. Graziella Galea, l-Eżekuttiv approva r-rapport finanzjarju hekk kif preżentat.

**26.5 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji għas-Sena 2020**

26.5.1 Is-Segretarja preżentat l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2020.

26.5.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Michael Fenech Adami, l-Eżekuttiv approva li €600,000 għandhom jinżammu f' kont fiss għal sena oħra.

26.5.3 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Anthony Mifsud, l-Eżekuttiv approva l-Estimi Finanzjarji għas-Sena 202 hekk kif preżentati.

**26.6 Membership – Municipal Waste Europe**

26.6.1 Il-President preżenta proposta li rċeviet l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali sabiex tissieħeb fl-Assoċjazzjoni Municipal Waste Europe.

26.6.2 Il-President spjega li l-ispiża ta' din il-membership hija ta' madwar €3,000 f' sena u li għalhekk ikun siwi li din tiġi diskussa fid-dettal x' benefiċji l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, il-Kunsilli Reġjonali u anki l-Kunsilli Lokali x' jistgħu jieħdu minn din is-sħubija.

26.6.3 Il-President talab lis-Segretarja biex tiċċirkula l-proposti lill-Membri tal-Eżekuttiv sabiex sal-laqgħa li jkun imiss tkun tista' tittieħed deċiżjoni.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**26.7 Komunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **26.7.1 Team Building Event – Karaoke għall-Membri Eletti, Segretarji Eżekuttivi u Ħaddiema** | Il-President semma li nhar il-15 ta' Novembru 2019 ser ikun qed jiġi organizzat Karaoke. |
| **26.7.2 Bus Shelters** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni irċeviet ittra ġudizzjarja li kienet ser tieħu ħsieb tirrispondi u taġixxi f' isem il-Kunsilli Lokali kollha li jagħtu mandat lill-AKL sabiex tagħmel dan. |
| **26.7.3 MEUSAC** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kellha laqgħa mal-MEUSAC sabiex tingħata aktar assistenza lill-Kunsilli Reġjonali u lill-Kunsilli Lokali sabiex jibbenifikaw minn Fondi Ewropej. Il-President semma li l-MEUSAC ser ikun qed jgħatu preżentazzjoni waqt il-Laqgħa Plenarja. |
| **26.7.4 Touring Club Italiano** | Il-President semma li kellu laqgħa mal-fundatur tal-Club Touring Club Italiano li fiha ġiet diskussa l-probabbilita' li l-Kunsilli Lokali jikkontribbwixxu f' dan il-proġett. Il-President talab lis-Segretarja sabiex tiċċirkola l-informazzjoni mal-Kunsilli Reġjonali sabiex ikun jistgħu jiċċirkulawha mal- Kunsilli Lokali rispettivi. |
| **26.7.5 Laqgħa bejn l-AKL u l-ANSEK** | Il-President semma li l-AKL sejħet laqgħa mal-Eżekuttiv tal-ANSEK. Il-President semma li matul din il-laqgħa ġie diskuss l-importanza li s-Segretajri jkunu parti integra mill-proċess ta' konsultazzjoni li għaddej anki fuq il-Viżjoni li l-AKL ser tkun qed tnidi. Għaldaqstant, l-President saħaq li huwa importanti li s-Segretarji jkunu parti integrali mill-pjanijiet sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu esegwiti. |
| **26.7.6 Rivużjoni ta' ħlasijiet mil-LESA lill-Kunsilli Reġjonali** | Il-President semma li kienet saret laqgħa mal-Kap Eżekuttiv u anki Uffiċjali oħra tal-Aġenzija LESA. Matul din il-Laqgħa semma li kien indikat li l-uditjar ta' tliet reġjuni kien wasal biex jintemm. Il-President semma li kien wqaqt il-laqgħa kien indikat li r-Reġjun Tramuntana għandu jieħu f' madwar €80,000 spejjeż f'salarji u l- |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

invoices 10% liema fatturi kienu għadhom pendenti u qatt ma ntbgħatu mir-Reġjun.
Il-president fakkar li matul il-laqgħat tal-Eżekuttiv tal-AKL kien ġie deċiz li il-Kunsilli Reġjonali mill-1 ta' Lulju 2019 ma jibqgħux jissottomettu fatturi li jkopru spejjeż tas-salarju tas-Segretarju Eżekuttiv u l-onorarja tal-President tal-Kunsill Reġjonali.
Sur Jesmond Aquilina qal li din għandha tiġi kkomunikata mill-LESA jew inkella mid-Diviżjoni sabiex id-deċiżjoni tkun waħda uffiċjali.
Il-Presidenti Reġjonali qabblu li minn Ottubru 2019 ma tintbgħatx l-fattura ta' dawn il-ħlasijiet lill-LESA.
Is-Sur Aquilina semma li l-kuntatt mal-LESA tjieb ħafna u żdiedu r-rotot anki filgħaxija u qed isir infurzar anki permezz ta' CCTVs.

**26.7.7 EU Funds Officers**

Fuq talba tal-President issekondata mill-Eżekuttiv, intalab li s-Segretarja tibgħat komunikat lill-Ministru għall-Gvern Lokali, lis-Segretarju Parlamentari kif ukoll lid-Direttur Ġenerali sabiex jingħata aġġornament dwar l-ingaġġ tal-Uffiċjali mal-Kunsilli Reġjonali fuq Fondi Ewropej.

**26.7.8 Laqgħa Plenarja Ottubru 2019**

Il-President semma li għaddejjin il-preparamenti kollha neċessarji sabiex tiġ organizzata l-Laqgħa Plenarja.
Semma wkoll li għaddejjin b' xogħol intensiv sabiex tkun tista' tiġi ppreżentata l-viżjoni tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali bl-aktar mod professjonali u li l-messaġġ jasal ċar.

**26.7.9 Riċeviment tal-Milied għas-Sindki, Kunsilliera, Segretarji Eżekuttivi u Ħaddiema**

Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Jesmond Aquilina, l-Eżekuttiv qabel li għandhom jinġabru l-kwotazzjonijiet sabiex jiġi organizzat ir-riċeviment tal-Milied għall-Membri Eletti, Segretarji Eżekuttivi u Ħaddiema.

**26.8 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 26**

**26.8.1** Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Anthony Mifsud u s-Sur Jesmond Aquilina ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-27 ta' Settembru 2019 u 21 t' Ottubru 2019 li kienet tammonta għall-€135,434.62.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**26.9 Aġġornament**

26.9.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar it-Tnejn, 18 ta' Novembru 2019 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Lianne Mifsud**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.27 li nżammet nhar il it-Tnejn, 18 ta' Novembru 2019.

**Mario Fava**
**President**